KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 32

**It-Tlieta 31 ta' Awwissu 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 32.1 Qari tal-Apoloġiji

32.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 31

32.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

32.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 31 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 32.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

32.3.1 Is-Sindku informa li aktar kmieni dakinhar kien ġie ffirmat kuntratt dwar id-dimensja. Bħala Kunsill il-ftehim jorbotna li nagħmlu inizjattivi biex ir-residenti jkunu aktar konxji ta' din il-kundizzjoni, tipo taħdidiet, attivitajiet soċjali, ecc. Iċ-ċentru nniffsu se jiġi nawgurat nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru fid-9am.

32.3.2 Nhar iS-Sibt 11 ta' Settembru, il-Ministru Ian Borg ġej l-Imtarfa fil-11am biex jagħti *handover* tal-bandli. In-nuqqasijiet fil-maġġorparti tagħhom ġew indirizzati imma xtaqu li jagħtu r-responsabbiltà lill-Kunsill Lokali minflok tibqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprova joħroġ offerta fuq il-gabbana biex il-bandli jkunu *self-sustained*.

32.3.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-inawgurazzjoni tat-torri tal-arloġġ tinżamm nhar il-Ħadd 12 ta' Settembru fid-9:30am.

32.3.4 Is-Sindku informa li mill-aħħar laqgħa 'l hawn TM kienu kkomunikaw mal-Kunsill u kkonfermaw li t-telgħa kif ukoll minn Triq ir-Reġimenti Maltin sa Triq Sir Leslie Rundle għandhom jiġu fuq direzzjoni unika. Dan kien ifisser aktar sigurtà għall-vetturi u anke għan-nies b'mod speċjali min iħobb jagħmel eżerċizzju fiżiku. Hawnhekk is-SE infurmat li kienet għadha qed tagħmel pressjoni mal-ERA biex jinqalgħu numru ta' ewkaliptus li jaffaċċjaw għal fuq it-triq u li huma morda u fil-periklu li xi darba jfaqqgħu u jaqgħu għal fuq it-triq. Min-naħa tagħhom kienu qed jonqsu milli jqisu din il-kwistjoni bħala urġenti, avolja infurmathom li ż-żmien opportun biex isir dan ix-xogħol kien waqt li t-telgħa hija magħluqa għat-traffiku. Kien hemm qbil li s-SE għandha tqabbad lill-avukat biex jikteb uffiċjalment lill-ERA minhabba l-periklu tas-siġar. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat l-ittra ta' approvazzjoni mingħand TM lil IM u titlob li mat-tabelli jsiru bollards u biex l-art tinżebagħ b'xi kulur biex ikun hemm distinzjoni bejn it-triq proprja u l-parti pedonali. Kien hemm qbil ukoll li nitolbu lil Studjurban biex jagħmlulna pjanta bil-parkeġġ u one ways għal Triq ir-Reġimenti Maltin u Triq it-Torri tal-Arloġġ.

32.3.5 Is-Sindku informa li jidher li l-bypass qed tikrolla wkoll u trid terġa' tinbena mill-ġdid u għaldaqstant kien qed jantiċipa li t-triq se tingħalaq biex isirilha x-xogħol fuqha.

32.3.6 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva notifika li l-applikazzjoni tagħna tal-proġett tal-bosk m'aċċettawhiex.

32.3.7 Is-Sindku informa li mill-Ministeru kienu bagħtu notifika għal laqgħa dwar l-art ta' quddiem id-Depiro. Huwa informa li kien talabhom jibdlu l-ħin u jinkludu wkoll lill-HA minħabba t-titolu tal-art.

## 32.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/001/2021 – Xiri ta' *Electric Van*

32.4.1 Is-SE infurmat li ħadd ma kien tefa offerti għall-offerta tax-xiri ta' *Electric Community Van* li għalqet aktar kmieni dakinhar.

32.4.2 Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob konċessjoni mid-DLG sabiex jerġa' jinħareġ b'mod aċċellerat sabiex possibbilment inlaħħqu mad-*deadline* minħabba l-fatt li jiffurma parti minn skema.

## 32.5 Approvazzjoni tar-risposta għall-*management letter*

32.5.1 Is-SE infurmat li aktar kmieni kienet għaddiet kopja tar-risposta għall-*management letter* permezz tal-email.

32.5.2 Il-Kunsill qabel mar-risposta u kien hemm qbil li għandha tiġi ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 32.6 Talba għal estensjoni tal-kuntratt tal-kostruzzjoni tal-*Visitors Centre*

32.4.1 Is-SE infurmat li għal darb'oħra reġa' kellha talba għal estensjoni tal-kuntratt għall-kostruzzjoni tal-VC. Hija infurmat li x-xogħol fuq is-saqaf kien inbeda imma kien jeħtieġ aktar żmien sabiex jitlesta u jiġi ċċertifikat.

32.4.2 Għaldaqstant il-Kunsill qabel mar-raġunijiet li ngħataw fl-ittra u qabel li għandu jerġa' jestendi d-data sal-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.

Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li l-Managing Authority kienet għadha ma tat ebda risposta dwar l-estensjoni tad-data u biex jiġu mgħoddija aktar fondi.

## 32.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

32.6.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-laqgħa tar-reġjun kienet għaddejja bħalissa.

32.6.2 Sadanittant infurmat ukoll li se jsir il-*book launch* fil-foss tal-Imdina nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru fis-7:30pm. Kull min kien se jattendi kellu jippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-vaċċin jew test negattiv tal-Covid (PCR).

## 32.8 Punti Oħra

32.7.1 Il-Viċi Sindku semma' li ltaqa' ma' tad-Drama u li fil-preżent dawn kienu jikkonsistu biss minn 3 persuni bħala kumitat li fosthom jinkludi wkoll il-President. Huma kienu infurmaw li kienu se jibdew kors tad-drama. Min-naħa tagħhom kienu ssuġġerew li ssir binja fuq in-naħa tal-uffiċċju tas-sapport. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jikkunsidra din it-talba fil-futur imma ġiet iċċarata li l-Kunsill m'għandux fondi u ebda tip ta' riżorsi biex jidħol għal proġett simili. Barra minn dan, kien hemm bżonnijiet aktar urġenti u pressanti li kellhom jiġu indirizzati qabel ma l-Kunsill ikun jista' jmur għand l-awtoritajiet għoljin biex jikkunsidraw jidħlu għal proġett bħal dan.

32.7.2 Fuq il-Proġett Bellus, kien hemm diskussjoni mal-kuntrattur li ħa ħsieb il-proġett tal-irrigazzjoni fuq il-possibbiltà li napplikaw bil-belveder u l-proġett tal-kontinwazzjoni tal-bosk. Kien se jkun hemm aktar laqgħat biex niddiskutu din il-probabbiltà fil-fond.

32.7.3 Is-SE infurmat li hi u l-Kunsillier Sammut Dimech kienu ltaqgħu maż-żewġ kandidati għall-vakanza ta' librara u kien hemm qbil li waħda minnhom kellha aktar esperjenza kif ukoll anke ċertifikat mill-Malta Libraries dwar kors li attendiet magħhom. Il-Kunsill qabel li din il-persuna għandha tinħatar bħala l-librara l-ġdida tal-Kunsill. Sadanittant min-naħa tal-Malta Libraries kienet qed titlob li l-librerija tingħalaq temporanjament minħabba li l-kompjuter kien bil-ħsara. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li l-librerija tibqa' tinfetaħ u x-xogħol għalissa jsir bl-idejn.

32.7.4 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-Imdina Grand Prix kienet ġiet infurmata li l-attività għal din is-sena kienet tħassret.

32.7.5 Is-SE infurmat li l-cameras tal-Kunsill kienu bdew jiġu monitored mil-LESA hekk kif kien hemm qbil u jidher li dik ta' Triq ir-Reġimenti Maltin b'mod speċjali, inqabdu numru ta' persuni li jidhru jwaddbu l-iskart madwar il-*bring in site* jew id-*drop off point* b'mod illegali. Hawnhekk hija infurmat li mil-LESA kienu infurmawha wkoll li huwa possibbli għalihom li jħarrku wkoll nies oħra li jidhru li jkunu qed jiksru l-liġi bħal per eżempju parkeġġ ħażin u għaldaqstant talbet direzzjoni mill-Kunsill jekk għandhomx ikomplu biss fuq skart jew jinvolvu wkoll il-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandhom jiffukaw biss fuq l-iskart.

32.7.6 Is-SE infurmat li wara r-risposta li tat lill-kuntrattur tal-iskart huwa kien bagħat risposta lura fejn bħalha kien ikkopja lill-Kunsill kollu u talab li jiltaqa' mal-Kunsill għaliex ma kienx qed jaqbel mar-risposta li ngħata. Hija qalet li s'issa kienu nizzlulu l-affarijiet tad-drop off points u tal-bring in sites fuq il-lista kif kien hemm qbil dwarha waqt l-aħħar laqgħa imma dan ma kienx ġabarhom. Sadanittant infurmat li dan l-istess kuntrattur ilu mill-bidu nett jirċievi *emails* mill-Kunsill bir-ritratt biex inaddaf u sa ftit tal-ġimgħat ilu kien dejjem jieħu ħsieb u għaldaqstant ladarba ma nbidel xejn fuq il-kuntratt, il-Kunsill ma kellu ebda obbligu li jħallas extra għas-servizz jew li jitfgħu fuq kuntrattur ieħor kif kien qed jissuġġerixxi hu. Il-Kunsill qabel mar-raġunament tas-SE u għal darb'oħra kien hemm qbil dawn jinkitbu fuq il-liswta tal-*bulky refuse* fil-ġurnata imma ma jitħallasx extra tagħhom. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li għandha tibgħatlu l-filmati tiegħu jkisser l-istruttura tal-iskart ta' Triq it-Torri tal-Arloġġ u tat-tapit li wara ġimgħat sħaħ fil-post tressaq aktar minn 3 metri 'l bogħod mid-*drop off point*.

32.7.7 Is-SE infurmat li kien instab kuntrattur li seta' jagħmel ix-xogħol tal-*liquid rubber* fi Ġnien is-Sinjura u għaldaqstant kienet qed tistenna ġurnata biex jagħmel dan ix-xogħol.

32.7.8 Sadanittant matul dak ix-xahar kien tlesta u ġie ċċertifikat ix-xogħol tat-tliet proġetti tal-irrigazzjoni li saru fl-Imtarfa bħala parti mill-iskema maħruġa mid-DLG. Hija qalet li issa hemm tlett siti li se jibdew jiġu msaqqija b'mod regolari, li huma Ġnien is-Sinjura, il-Bosk u Triq il-Gladjoli. Hija infurmat ukoll li fil-kaz tal-bosk kienu tpoġġew żewġ tankijiet kbar biex jassistu fit-tisqija.

Is-SE infurmat li kien hemm offerta min-naħa tal-GO għar-residenti tal-Imtarfa, u li kienet għaddiet kopja tal-kommunikazzjoni permezz tal-*email*.

32.7.9 Il-Kunsillier Sammut Dimech infurmat li kienet rat kumment fuq il-paġna tal-*Community Policing* dwar il-barrier li kienet twaħħlet fl-isqaq ta' Triq Konti Salv Manduca u li kienet reġgħet inqalgħet minħabba li kienu qed jgħaddu l-muturi.

## 32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

32.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 8/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Christianne Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 32.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

32.9.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-**Ħamis 30 ta' Settembru** 2021.

Dr Daniel John Attard
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv